Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 90/2011**

tat-3 ta' Frar 2011

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema tal-liċenzi tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur

(kodifikazzjoni)

(ĠU L 30, 4.2.2011, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1379/2011 tal-20 ta' Diċembru 2011	L 343	20	23.12.2011

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 131, 22.5.2012, p. 11 (90/2011)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 90/2011

tat-3 ta' Frar 2011

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema tal-liċenzi tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur

(kodifikazzjoni)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]) u b'mod partikolari l-Artikoli 161(3), 170 u 192(2), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 633/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema tal-liċenzi tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur ([2]) ġie emendat kemm-il darba ([3]) b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

(2) Għandhom jiġu stabbiliti regoli ta' implimentazzjoni speċifiċi għal-liċenzi tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur li għandhom, b'mod partikolari, jinkludu dispożizzjonijiet għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-informazzjoni li għandha tidher fl-applikazzjonijiet u fil-liċenzi, b'żieda ma' dawk li jinsabu fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzi tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' iffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli ([4]).

(3) Sabiex tkun assigurata amministrazzjoni xierqa tas-sistema ta' licenzi tal-esportazzjoni, għandha tkun stabbilita r-rata tal-garanzija għal-liċenzi tal-esportazzjoni taħt dik is-sistema. Minħabba r-riskju ta' spekulazzjoni inerenti fis-sistema fis-settur tal-laħam tat-tjur, il-liċenzi tal-esportazzjoni m'għandhomx ikunu trasferibbli u għandhom ikunu stabbiliti kondizzjonijiet preċiżi li jirregolaw l-aċċess min-negozjanti għall-imsemmija sistema.

(4) L-Artikolu 169 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li l-osservanza tal-obbligi li jirriżultaw mill-ftehim konkluż matul in-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa tal-Urugwaj li

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 100, 6.2.2004, p. 8.
([3]) Ara l-Anness IX.
([4]) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.

▼B

jirrigwardaw il-volum ta' esportazzjoni għandha tkun żgurata fuq il-bażi tal-liċenzi tal-esportazzjoni. Għalhekk, għandha tkun stabbilita skeda dettaljata għal-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet u għall-ħruġ tal-liċenzi.

(5) Barra minn hekk, id-deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għal-liċenzi tal-esportazzjoni għandha tkun innotifikata biss wara perijodu ta' konsiderazzjoni. Dan il-perijodu jkun jippermetti lill-Kummissjoni li tapprezza l-kwantitajiet li saret applikazzjoni għalihom kif ukoll in-nefqa involuta u, jekk xieraq, li tieħu miżuri speċifiċi applikabbli b'mod partikolari għall-applikazzjonijiet pendenti. Huwa fl-interess tan-negozjanti li jippermettu li l-applikazzjoni għal liċenza tiġi rtirata wara li jkun ġie stabbilit il-koeffiċjent ta' aċċettazzjoni.

(6) Il-Kummissjoni għandu jkollha informazzjoni preċiża li tikkonċerna l-applikazzjonijiet għal-liċenzi u l-użu tal-liċenzi maħruġa, sabiex tkun tista' tamministra din is-sistema. Fl-interess ta' amministrazzjoni effiċjenti, l-Istati Membri jridu jużaw is-sistemi ta' informazzjoni skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 tal- 31 ta' Awwissu 2009 li jistipula regoli dettaljati għan-notifiki tal-Istati Membri lill-Kummissjoni dwar informazzjoni u dokumenti fl-implimentazzjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq, l-iskema tal-pagamenti diretti, il-promozzjoni tal-prodotti agrikoli u s-sistemi applikabbli għar-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-gżejjer iż-żgħar tal-Eġew ([1]).

(7) Fil-każ ta' applikazzjonijiet li jikkonċernaw kwantitajiet ugwali għal jew anqas minn 25 tunnellata, il-liċenza tal-esportazzjoni għandha tinħareġ immedjatament jekk in-negozjant jitlobha. Madankollu, tali liċenzi għandhom ikunu ristretti għal tranżazzjonijiet kummerċjali ta' terminu qasir sabiex ma jitħalliex li wieħed ikun jista' jaħrab mill-mekkaniżmu previst f'dan ir-Regolament.

(8) Sabiex jiġi żgurat segwitu eżatt tal-kwantitajiet li għandhom ikunu esportati, għandha tkun stabbilita deroga mir-regoli dwar it-tolleranzi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 376/2008.

(9) L-Artikolu 167(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li għall-flieles ta' jum, jistgħu jingħataw rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni fuq il-bażi ta' liċenza tal-esportazzjoni *ex post*. Għalhekk għandhom jiġu stabbiliti regoli ta' implimentazzjoni għal tali sistema bil-għan li jiżguraw verifika effiċjenti li l-obbligi li jirriżultaw mill-ftehim konklużi fil-qafas kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa tal-Urugwaj jiġu osservati. Madankollu, jidher li mhux meħtieġ li tintalab il-preżentazzjoni ta' garanzija fil-każ ta' liċenzi li tkun saret applikazzjoni għalihom wara l-esportazzjoni.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

([1]) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3.

▼B

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-esportazzjonijiet kollha ta' prodotti fis-settur tal-laħam tat-tjur li għalihom tintalab rifużjoni fuq l-esportazzjoni, bl-eċċezzjoni tal-flieles li jaqgħu ►**M1** il-kodiċijiet tan-NM 0105 11, 0105 12 00, 0105 13 00, 0105 14 00 u 0105 15 00 ◄, għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenza tal-esportazzjoni bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 2 sa 8.

Artikolu 2

1. Il-liċenzi tal-esportazzjoni għandhom ikunu validi għal 90 jum minn dakinhar tal-ħruġ effettiv tagħhom fis-sens tal-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzi u l-liċenzi għandu jkollhom imniżżla, fil-kaxxa 15, id-deskrizzjoni tal-prodott u, fil-kaxxa 16, il-kodiċi tal-prodott bi 12-il ċifra tan-nomenklatura tal-prodott agrikolu għar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni.

3. Il-kategoriji tal-prodotti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, kif ukoll ir-rata tal-garanzija għal-liċenzi tal-esportazzjoni, huma indikati fl-Anness I.

4. L-applikazzjonijiet għal-liċenzi u l-liċenzi għandu jkollhom imniżżla, fil-kaxxa 20, mill-inqas waħda mill-entrati elenkati fl-Anness II.

5. B'deroga mill-paragrafu 1, il-liċenzi għall-kategorija 6(a) imsemmija fl-Anness I għandhom ikunu validi għal 15-il jum minn dakinhar tal-ħruġ effettiv tagħhom fis-sens tal-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008.

6. Fil-każ ta' liċenzi għall-prodotti tal-kategorija 6(a) imsemmija fl-Anness I, huwa obbligatorju li sseħħ l-esportazzjoni lejn il-pajjiż tad-destinazzjoni indikat fil-kaxxa 7 jew lejn xi pajjiż imsemmi fl-Anness VIII.

Għal dan il-għan, l-applikazzjonijiet għal-liċenzi u l-liċenzi għandu jkollhom mill-anqas waħda mill-entrati elenkati fl-Anness III.

7. Fil-każ ta' liċenzi għall-prodotti tal-kategorija 6(b) imsemmija fl-Anness I, huwa obbligatorju li sseħħ l-esportazzjoni lejn il-pajjiż tad-destinazzjoni indikat fil-kaxxa 7 jew lejn xi pajjiż ieħor li mhux imsemmi fl-Anness VIII.

Għal dan il-għan, l-applikazzjonijiet għal-liċenzi u l-liċenzi għandu jkollhom mill-anqas waħda mill-entrati elenkati fl-Anness IV.

Artikolu 3

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzi tal-esportazzjoni jistgħu jkunu ppreżentati lill-awtoritajiet kompetenti mit-Tnejn sal-Ġimgħa ta' kull ġimgħa.

2. L-applikanti għal-liċenzi tal-esportazzjoni għandhom ikunu persuni naturali jew ġuridiċi li, fil-mument li jiġu ppreżentati l-applikazzjonijiet, jistgħu jagħtu prova għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, li kienu involuti fil-kummerċ fis-settur tal-laħam tat-tjur

▼B

għal mill-inqas 12-il xahar. Madankollu, l-istabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut jew ir-ristoranti li jbiegħu l-prodotti tagħhom lill-konsumaturi aħħarin jistgħu ma jistgħux jippreżentaw applikazzjonijiet.

3. Il-liċenzji tal-esportazzjoni jinħarġu fil-jum tal-Erbgħa li jiġi wara l-perijodu taż-żmien imsemmi fil-paragrafu 1, sakemm l-ebda waħda mill-miżuri partikolari msemmija fil-paragrafu 4 ma tkun ittieħdet minn dakinhar mill-Kummissjoni.

4. Meta l-ħruġ ta' liċenzi tal-esportazzjoni jirriżulta jew jista' jirriżulta fis-superament tal-ammonti disponibbli tal-baġit jew fl-eżawriment tal-kwantitajiet massimi li jistgħu jiġu esportati b'rifużjoni matul il-perijodu kkonċernat, fid-dawl tal-limiti msemmija fl-Artikolu 169 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, jew meta l-ħruġ ta' liċenzji tal-esportazzjoni ma jippermettix li l-esportazzjonijiet jitkomplew matul il-bqija tal-perijodu, il-Kummissjoni tista':

(a) tistabbilixxi persentaġġ ta' aċċettazzjoni waħdieni għall-kwantitajiet mitluba;

(b) tirrifjuta l-applikazzjonijiet li għalihom ikunu għadhom ma ngħatawx liċenzi;

(c) tissospendi l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għal-liċenzi għal perijodu massimu ta' ħamest ijiem tax-xogħol, li jista' jiġi estiż permezz tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

L-applikazzjonijiet għal-liċenzi li jsiru matul il-perijodu ta' sospensjoni jkunu invalidi.

Il-miżuri previsti fl-ewwel subparagrafu jistgħu jiġu implimentati jew aġġustati skont il-kategorija tal-prodott u skont id-destinazzjoni.

5. Il-miżuri previsti fil-paragrafu 4 jistgħu jiġu adottati meta l-applikazzjonijiet għal liċenzi tal-esportazzjoni jirrigwardaw kwantitajiet li jissuperaw jew li jistgħu jissuperaw il-kwantitajiet normali disponibbli għal destinazzjoni waħda u l-ħruġ tal-liċenzi mitluba jġib miegħu r-riskju ta' spekulazzjoni, distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi, jew tfixkil tal-kummerċ ikkonċernat jew tas-suq intern.

6. Meta l-kwantitajiet li tkun saret applikazzjoni għalihom ikunu miċħuda jew imnaqqsa, il-garanzija għandha tiġi rilaxxjata immedjatament għall-kwantitajiet kollha li għalihom applikazzjoni ma tkunx ġiet sodisfatta.

7. Minkejja l-paragrafu 3, meta jkun stabbilit persentaġġ ta' aċċettazzjoni waħdieni ta' inqas minn 80 %, il-liċenza għandha tinħareġ l-iktar tard sal-11-il jum tax-xogħol wara l-pubblikazzjoni ta' dak il-persentaġġ f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Matul l-għaxart ijiem tax-xogħol wara l-pubblikazzjoni tiegħu, l-operatur jista':

— jew jirtira l-applikazzjoni tiegħu, f'liema każ il-garanzija tiġi rilaxxjata immedjatament,

— jew jitlob il-ħruġ immedjat tal-liċenza, f'liema każ l-awtorità kompetenti għandha toħroġha mingħajr dewmien iżda mhux iktar kmieni mid-data normali tal-ħruġ għall-ġimgħa rilevanti.

▼B

8. B'deroga mill-paragrafu 3, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi jum ieħor apparti l-Erbgħagħall-ħruġ tal-liċenzi tal-esportazzjoni meta ma jkunx possibbli li dan il-jum jiġi rispettat.

Artikolu 4

1. Fuq talba tal-operatur, l-applikazzjonijiet għal-liċenzi sa 25 tunnellata ta' prodotti m'għandhomx ikunu soġġetti għal xi miżuri speċjali kif imsemmija fl-Artikolu 3(4) u l-liċenzi li kun sar applikazzjoni għalihom għandhom jinħarġu immedjatament.

F'każijiet bħal dawn, minkejja l-Artikolu 2(1) u (5), it-terminu ta' validità tal-liċenzi għandu jkun limitat għal ħamest ijiem tax-xogħol minn dakinhar tal-ħruġ effettiv tagħhom fis-sens tal-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 u l-kaxxa 20 tal-applikazzjonijiet għal liċenza u tal-liċenzi għandha turi waħda mill-entrati elenkati fl-Anness V.

2. Il-Kummissjoni tista', meta jkun meħtieġ, tissospendi l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 5

Il-liċenzji tal-esportazzjoni ma għandhomx ikunu trasferibbli.

Artikolu 6

1. Il-kwantità esportata fil-limiti tat-tolleranza msemmija fl-Artikolu 7 (4) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 ma għandhiex tagħti d-dritt għall-ħlas tar-rifużjoni.

2. Fil-kaxxa 22 tal-liċenza, għandha tiġi indikata mill-inqas waħda mill-entrati elenkati fl-Anness VI.

Artikolu 7

1. Sal-Ġimgħa ta' kull ġimgħa, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-informazzjoni li ġejja:

(a) l-applikazzjonijiet għal-liċenzi tal-esportazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 1 ippreżentati mit-Tnejn sal-Ġimgħa tal-istess ġimgħa, u jiddikjaraw jekk dawn jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4 jew le;

(b) il-kwantitajiet koperti bil-liċenzi tal-esportazzjoni maħruġa nhar l-Erbgħa preċedenti, bl-eċċezzjoni ta' dawk maħruġa immedjatament taħt l-Artikolu 4;

(c) il-kwantitajiet koperti bl-applikazzjonijiet għal-liċenza tal-esportazzjoni li jkunu ġew irtirati skont l-Artikolu 3 (7) matul il-ġimgħa ta' qabel.

2. In-notifika tal-applikazzjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandha tispeċifika:

(a) il-kwantità fil-piż tal-prodott għal kull kategorija msemmija fl-Artikolu 2(3);

(b) l-analiżi skont id-destinazzjoni tal-kwantità għal kull kategorija fil-każ meta r-rata tar-rifużjoni tvarja skont id-destinazzjoni;

▼B

(c) ir-rata tar-rifużjoni applikabbli;

(d) l-ammont totali tar-rifużjoni f'euro ffissat minn qabel għal kull kategorija ta' prodott.

3. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni fuq bażi ta' kull xahar wara l-iskadenza tal-validità tal-liċenzi tal-esportazzjoni l-kwantità ta' liċenzi tal-esportazzjoni mhux użata.

Artikolu 8

1. Għall-flieles li jaqgħu ►**M1** il-kodiċijiet tan-NM 0105 11, 0105 12 00, 0105 13 00, 0105 14 00 u 0105 15 00 ◄, l-operaturi għandhom jiddikjaraw, fil-waqt li jwettqu l-formalitajiet doganali għall-esportazzjoni, li jkunu beħsiebhom jitolbu rifużjoni fuq l-esportazzjoni.

2. Mhux aktar tard minn jumejn tax-xogħol wara l-esportazzjoni, l-operaturi għandhom jippreżentaw lill-awtorità kompetenti l-applikazzjoni għal-liċenza tal-esportazzjoni *ex post* għall-flieles esportati. Fil-kaxxa 20 tal-applikazzjoni għal-liċenza u tal-liċenza, għandhom jiġu indikati l-kelmiet *ex post* flimkien mal-uffiċċju doganali fejn ikunu twettqu l-formalitajiet doganali, kif ukoll il-ġurnata tal-esportazzjoni fis-sens tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 ([1]).

B'deroga mill-Artikolu 14 (2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 ma għandha tkun meħtieġa l-ebda garanzija.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, sal-Ġimgħa ta' kull ġimgħa, bl-għadd ta' liċenzi tal-esportazzjoni *ex post* li saret applikazzjoni għalihom, matul dik il-ġimgħa, inklużi notifiki "żero". In-notifiki għandhom jispeċifikaw, fejn applikabbli, id-dettalji msemmija fl-Artikolu 7(2).

4. Liċenzi tal-esportazzjoni *ex post* għandhom jinħarġu kull nhar ta' Erbgħa ta' wara, sakemm l-ebda miżura partikolari msemmija fl-Artikolu 3(4) ma tittieħed mill-Kummissjoni wara l-esportazzjoni kkonċernata. Meta jittieħdu tali miżuri, dawn għandhom japplikaw għall-esportazzjonijiet li jkunu diġà twettqu.

Din il-liċenza tagħti d-dritt għall-ħlas tar-rifużjoni applikabbli fil-ġurnata tal-esportazzjoni fis-sens tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 612/2009.

5. L-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 ma għandux japplika għal-liċenzi *ex post* imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu.

Il-liċenzi għandhom jiġu ppreżentati direttament mill-parti interessata lill-aġenzija inkarigata mill-ħlas tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni. Din l-aġenzija għandha tattribwixxi u tittimbra l-liċenza.

Artikolu 9

In-notifiki msemmija f'dan ir-Regolament, inklużi notifiki "żero", għandhom isiru skont ir-Regolament (KE) Nru 792/2009.

([1]) ĠU L 186, 17.7.2009, p. 1.

▼B

Artikolu 10

Ir-Regolament (KE) Nru 633/2004 huwa mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness X.

Artikolu 11

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼**M1**

ANNESS I

Kodiċi tal-prodott tan-nomenklatura tal-prodott agrikolu għar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ([1])	Kategorija	Rata tal-garanzija (EUR/100 kg piż nett)
010511119000	1	—
010511199000		
010511919000		
010511999000		
010512009000	2	—
010514009000		
020712109900	3	6 ([2])
020712909990		6 ([3])
020712909190		6 ([4])
020725109000	5	3
020725909000		
020714209900	6(a) ([4])	2
020714609900		
020714709190		
020714709290		
020714209900	6(b) ([5])	2
020714609900		
020714709190		
020714709290		
020727109990	7	3
020727609000	8	3
020727709000		

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 (ĠU L 366, 24.12.1987, p. 1), il-parti 7.
([2]) Għad-destinazzjonijiet murija fl-Anness VII.
([3]) Destinazzjonijiet apparti dawk murija fl-Annessi VII u VIII.
([4]) Destinazzjonijiet murija fl-Anness VIII.
([5]) Destinazzjonijiet apparti dawk murija fl-Anness VIII.

▼B

ANNESS II

Entrati msemmijin fl-Artikolu 2(4):

— *Bil-Bulgaru:*	Регламент (ЕС) № 90/2011
— *Bl-Ispanjol:*	Reglamento (UE) nº 90/2011
— *Biċ-Ċek:*	Nařízení (EU) č. 90/2011
— *Bid-Daniż:*	Forordning (EU) nr. 90/2011
— *Bil-Ġermaniż:*	Verordnung (EU) Nr. 90/2011
— *Bl-Estonjan:*	Määrus (EL) nr 90/2011
— *Bil-Grieg:*	Κανονισμός (ΕΕ) αριθ. 90/2011
— *Bl-Ingliż:*	Regulation (EU) No 90/2011
— *Bil-Franċiż:*	Règlement (UE) nº 90/2011
— *Bit-Taljan:*	Regolamento (UE) n. 90/2011
— *Bil-Latvjan:*	Regula (ES) Nr. 90/2011
— *Bil-Litwan:*	Reglamentas (ES) Nr. 90/2011
— *Bl-Ungeriż:*	90/2011/EU rendelet
— *Bil-Malti:*	Regolament (UE) Nru 90/2011
— *Bl-Olandiż:*	Verordening (EU) nr. 90/2011
— *Bil-Pollakk:*	Rozporządzenie (UE) nr 90/2011
— *Bil-Portugiż:*	Regulamento (UE) n.º 90/2011
— *Bir-Rumen:*	Regulamentul (UE) nr. 90/2011
— *Bl-Islovakk:*	Nariadenie (EÚ) č. 90/2011
— *Bl-Isloven:*	Uredba (EU) št. 90/2011
— *Bil-Finlandiż:*	Asetus (EU) N:o 90/2011
— *Bl-Iżvediż:*	Förordning (EU) nr 90/2011

▼B

ANNESS III

Entrati msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(6)

(a) fil-kaxxa 20:

— *Bil-Bulgaru:*	Категория 6а)
— *Bl-Ispanjol:*	Categoría 6 a)
— *Biċ-Ċek:*	Kategorie 6a
— *Bid-Daniż:*	Kategori 6 a)
— *Bil-Ġermaniż:*	Kategorie 6a
— *Bl-Estonjan:*	Liik 6a
— *Bil-Grieg:*	Κατηγορία 6α)
— *Bl-Ingliż:*	Category 6(a)
— *Bil-Franċiż:*	Catégorie 6 a)
— *Bit-Taljan:*	Categoria 6 a)
— *Bil-Latvjan:*	6.a) kategorija
— *Bil-Litwan:*	6a kategorija
— *Bl-Ungeriż:*	6. a) kategória
— *Bil-Malti:*	Kategorija 6(a)
— *Bl-Olandiż:*	Categorie 6 a)
— *Bil-Pollakk:*	Kategoria 6 a)
— *Bil-Portugiż:*	Categoria 6 a)
— *Bir-Rumen:*	Categoria 6 a
— *Bl-Islovakk:*	Kategória 6 písm. a)
— *Bl-Isloven:*	Kategorija 6(a)
— *Bil-Finlandiż:*	Tuoteluokka 6a)
— *Bl-Iżvediż:*	Kategori 6 a)

(b) fil-kaxxa 22:

— *Bil-Bulgaru:*	Задължителен износ към страни, посочени в приложение VIII към Регламент (ЕС) № 90/2011.
— *Bl-Ispanjol:*	Exportación obligatoria a los países mencionados en el anexo VIII del Reglamento (UE) nº 90/2011.
— *Biċ-Ċek:*	Vývoz povinný do zemí uvedených v příloze VIII nařízení (EU) č. 90/2011.
— *Bid-Daniż:*	Udførsel obligatorisk til lande, der er anført i bilag VIII til forordning (EU) nr. 90/2011.
— *Bil-Ġermaniż:*	Ausfuhr nach den in Anhang VIII der Verordnung (EU) Nr. 90/2011 genannten Länder ist verbindlich.
— *Bl-Estonjan:*	Kohustuslik eksport määruse (EL) nr 90/2011 VIII lisas nimetatud riiki.
— *Bil-Grieg:*	Υποχρεωτική εξαγωγή σε χώρες που παρατίθενται στο παράρτημα VIII του κανονισμού (ΕΕ) αριθ. 90/2011.
— *Bl-Ingliż:*	Export obligatory to countries referred to in Annex VIII to Regulation (EU) No 90/2011.

▼B

— *Bil-Franċiż:*	Exportation obligatoire vers les pays visés à l'annexe VIII du règlement (UE) nº 90/2011.
— *Bit-Taljan:*	Esportazione obbligatoria verso paesi elencati nell'allegato VIII del regolamento (UE) n. 90/2011.
— *Bil-Latvjan:*	Eksports, kas ir obligāts uz Regulas (ES) Nr. 90/2011 VIII pielikumā minētajām valstīm.
— *Bil-Litwan:*	Privalomas eksportas į Reglamento (ES) Nr. 90/2011 VIII priede nurodytas šalis.
— *Bl-Ungeriż:*	Kötelező kivitel a 90/2011/EU rendelet VIII. mellékletében szereplő országokba.
— *Bil-Malti:*	Esportazzjoni obbligatorja lejn il-pajjiżi msemmija fl-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 90/2011.
— *Bl-Olandiż:*	Verplichte uitvoer naar landen die zijn vermeld in bijlage VIII bij Verordening (EU) nr. 90/2011.
— *Bil-Pollakk:*	Wywóz obowiązkowy do krajów, o których mowa w załączniku VIII do rozporządzenia (UE) nr 90/2011.
— *Bil-Portugiż:*	Exportação obrigatória para países referidos no anexo VIII do Regulamento (UE) n.º 90/2011.
— *Bir-Rumen:*	Export obligatoriu către ţările menţionate în anexa VIII la Regulamentul (UE) nr. 90/2011.
— *Bl-Islovakk:*	Vývoz je povinný do krajín, ktoré sú uvedené v prílohe VIII k nariadeniu (EÚ) č. 90/2011.
— *Bl-Isloven:*	Izvoz je obvezen v države, navedene v Prilogi VIII k Uredbi (EU) št. 90/2011.
— *Bil-Finlandiż:*	Velvoittaa viemään asetuksen (EU) N:o 90/2011 liitteessä VIII tarkoitettuihin maihin.
— *Bl-Iżvediż:*	Export obligatorisk till länderna i bilaga VIII till förordning (EU) nr 90/2011.

▼B

ANNESS IV

Entrati msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(7)

(a) fil-kaxxa 20:

— *Bil-Bulgaru:*	Категория 6б)
— *Bl-Ispanjol:*	Categoría 6 b)
— *Biċ-Ċek:*	Kategorie 6b
— *Bid-Daniż:*	Kategori 6 b)
— *Bil-Ġermaniż:*	Kategorie 6b
— *Bl-Estonjan:*	Liik 6b
— *Bil-Grieg:*	Κατηγορία 6β)
— *Bl-Ingliż:*	Category 6(b)
— *Bil-Franċiż:*	Catégorie 6 b)
— *Bit-Taljan:*	Categoria 6 b)
— *Bil-Latvjan:*	6.b) kategorija
— *Bil-Litwan:*	6b kategorija
— *Bl-Ungeriż:*	6. b) kategória
— *Bil-Malti:*	Kategorija 6(b)
— *Bl-Olandiż:*	Categorie 6 b)
— *Bil-Pollakk:*	Kategoria 6 b)
— *Bil-Portugiż:*	Categoria 6 b)
— *Bir-Rumen:*	Categoria 6 b)
— *Bl-Islovakk:*	Kategória 6 písm. b)
— *Bl-Isloven:*	Kategorija 6(b)
— *Bil-Finlandiż:*	Tuoteluokka 6b)
— *Bl-Iżvediż:*	Kategori 6 b)

(b) fil-kaxxa 22:

— *Bil-Bulgaru:*	Задължителен износ към страни, които не са посочени в приложение VIII към Регламент (ЕС) № 90/2011.
— *Bl-Ispanjol:*	Exportación obligatoria a los países no mencionados en el anexo VIII del Reglamento (UE) nº 90/2011.

▼C1

— *Biċ-Ċek:*	Vývoz povinný do zemí neuvedených v příloze VIII nařízení (EU) č. 90/2011.

▼B

— *Bid-Daniż:*	Udførsel obligatorisk til lande, der ikke er anført i bilag VIII til forordning (EU) nr. 90/2011.
— *Bil-Ġermaniż:*	Ausfuhr nach einem der nicht in Anhang VIII der Verordnung (EU) Nr. 90/2011 genannten Länder ist verbindlich.
— *Bl-Estonjan:*	Kohustuslik eksport määruse (EL) nr 90/2011 VIII lisas nimetamata riiki.
— *Bil-Grieg:*	Υποχρεωτική εξαγωγή σε χώρες εκτός αυτών που παρατίθενται στο παράρτημα VIII του κανονισμού (ΕΕ) αριθ. 90/2011.

▼B

— *Bl-Ingliż:*	Export obligatory to countries not referred to in Annex VIII to Regulation (EU) No 90/2011.
— *Bil-Franċiż:*	Exportation obligatoire vers les pays autres que ceux visés à l'annexe VIII du règlement (UE) nº 90/2011.
— *Bit-Taljan:*	Esportazione obbligatoria verso paesi non elencati nell'allegato VIII del regolamento (UE) n. 90/2011.
— *Bil-Latvjan:*	Eksports, kas ir obligāts uz valstīm, kas nav minētas Regulas (ES) Nr. 90/2011 VIII pielikumā.
— *Bil-Litwan:*	Privalomas eksportas į Reglamento (ES) Nr. 90/2011 VIII priede nenurodytas šalis.
— *Bl-Ungeriż:*	Kötelező kivitel a 90/2011/EU rendelet VIII. mellékletében nem szereplő országokba.
— *Bil-Malti:*	Esportazzjoni obbligatorja lejn il-pajjiżi mhux imsemmija fl-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 90/2011.
— *Bl-Olandiż:*	Verplichte uitvoer naar landen die niet zijn vermeld in bijlage VIII bij Verordening (EU) nr. 90/2011.
— *Bil-Pollakk:*	Wywóz obowiązkowy do krajów niewymienionych w załączniku VIII do rozporządzenia (UE) nr 90/2011.
— *Bil-Portugiż:*	Exportação obrigatória para países não referidos no anexo VIII do Regulamento (UE) n.º 90/2011.
— *Bir-Rumen:*	Export obligatoriu către alte țări decât cele menționate în anexa VIII la Regulamentul (UE) nr. 90/2011.
— *Bl-Islovakk:*	Vývoz je povinný do krajín, ktoré nie sú uvedené v prílohe VIII k nariadeniu (EÚ) č. 90/2011.
— *Bl-Isloven:*	Izvoz je obvezen v države, ki niso navedene v Prilogi VIII k Uredbi (EU) št. 90/2011.
— *Bil-Finlandiż:*	Velvoittaa viemään muihin kuin asetuksen (EU) N:o 90/2011 liitteessä VIII tarkoitettuihin maihin.
— *Bl-Iżvediż:*	Export obligatorisk till länder som inte anges i bilaga VIII till förordning (EU) nr 90/2011.

▼B

ANNESS V

Entrati msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1):

— *Bil-Bulgaru:*	Лицензия, валидна пет работни дни
— *Bl-Ispanjol:*	Certificado válido durante cinco días hábiles
— *Biċ-Ċek:*	Licence platná pět pracovních dní
— *Bid-Daniż:*	Licens, der er gyldig i fem arbejdsdage
— *Bil-Ġermaniż:*	Fünf Arbeitstage gültige Lizenz
— *Bl-Estonjan:*	Litsents kehtib viis tööpäeva
— *Bil-Grieg:*	Πιστοποιητικό που ισχύει για πέντε εργάσιμες ημέρες
— *Bl-Ingliż:*	Licence valid for 5 working days
— *Bil-Franċiż:*	Certificat valable cinq jours ouvrables
— *Bit-Taljan:*	Titolo valido cinque giorni lavorativi
— *Bil-Latvjan:*	Licences derīguma termiņš ir piecas darba dienas
— *Bil-Litwan:*	Licencijos galioja penkias darbo dienas
— *Bl-Ungeriż:*	Öt munkanapig érvényes tanúsítvány
— *Bil-Malti:*	Liċenza valida għal ħamest ijiem tax-xogħol
— *Bl-Olandiż:*	Certificaat met een geldigheidsduur van vijf werkdagen
— *Bil-Pollakk:*	Pozwolenie ważne pięć dni roboczych
— *Bil-Portugiż:*	Certificado de exportação válido durante cinco dias úteis
— *Bir-Rumen:*	Licență valabilă timp de cinci zile lucrătoare
— *Bl-Islovakk:*	Licencia platí päť pracovných dní
— *Bl-Isloven:*	Dovoljenje velja 5 delovnih dni
— *Bil-Finlandiż:*	Todistus on voimassa viisi työpäivää
— *Bl-Iżvediż:*	Licensen är giltig fem arbetsdagar

▼B

ANNESS VI

Entrati msemmija fl-Artikolu 6(2)

— *Bil-Bulgaru:*	Възстановяване, валидно за […] тона (количество, за което е издадена лицензията).
— *Bl-Ispanjol:*	Restitución válida por […] toneladas (cantidad por la que se expida el certificado).
— *Biċ-Ċek:*	Náhrada platná pro […] tun (množství, pro které je licence vydána).
— *Bid-Daniż:*	Restitutionen omfatter […] t (den mængde, licensen vedrører).
— *Bil-Ġermaniż:*	Erstattung gültig für […] Tonnen (Menge, für welche die Lizenz ausgestellt wurde).
— *Bl-Estonjan:*	Eksporditoetus kehtib […] tonni kohta (kogus, millele on antud ekspordilitsents).
— *Bil-Grieg:*	Επιστροφή ισχύουσα για […] τόνους (ποσότητα για την οποία έχει εκδοθεί το πιστοποιητικό).
— *Bl-Ingliż:*	Refund valid for […] tonnes (quantity for which the licence is issued).
— *Bil-Franċiż:*	Restitution valable pour […] tonnes (quantité pour laquelle le certificat est délivré).
— *Bit-Taljan:*	Restituzione valida per […] t (quantitativo per il quale il titolo è rilasciato).
— *Bil-Latvjan:*	Kompensācija ir spēkā attiecībā uz […] tonnām (daudzums, par kuru ir izsniegta licence).
— *Bil-Litwan:*	Grąžinamoji išmoka galioja […] tonoms (kiekis, kuriam išduota licencija).
— *Bl-Ungeriż:*	A visszatérítés […] tonnára érvényes (azt a mennyiséget kell feltüntetni, amelyre az engedélyt kiadták).
— *Bil-Malti:*	Rifużjoni valida għal […] tunnellati (kwantità li għaliha tinħareġ il-liċenza).
— *Bl-Olandiż:*	Restitutie geldig voor […] ton (hoeveelheid waarvoor het certificaat wordt afgegeven).
— *Bil-Pollakk:*	Refundacja ważna dla […] ton (ilość, dla której zostało wydane pozwolenie).
— *Bil-Portugiż:*	Restituição válida para […] toneladas (quantidade relativamente à qual é emitido o certificado).
— *Bir-Rumen:*	Restituire valabilă pentru […] tone (cantitatea pentru care a fost eliberată licența).
— *Bl-Islovakk:*	Náhrada je platná pre […] ton (množstvo, pre ktoré bolo vydané povolenie).
— *Bl-Isloven:*	Nadomestilo velja za […] ton (količina, za katero je bilo dovoljenje izdano).
— *Bil-Finlandiż:*	Tuki on voimassa […] tonnille (määrä, jolle todistus on myönnetty).
— *Bl-Iżvediż:*	Ger rätt till exportbidrag för […] ton (den kvantitet för vilken licensen utfärdats).

▼B

ANNESS VII

L-Angola

Il-Baħrejn

L-Iran

L-Iraq

Il-Ġordan

Il-Kuwajt

Il-Lebanon

L-Oman

Il-Qatar

L-Arabja Sawdita

L-Emirati Għarab Magħquda

Il-Jemen

▼B

ANNESS VIII

L-Armenja

L-Ażerbajġan

Il-Belarus

Il-Ġeorġja

Il-Każakstan

Il-Kirgiżtan

Il-Moldova

Ir-Russja

It-Taġikistan

It-Turkmenistan

L-Ukrajna

L-Użbekistan

▼B

ANNESS IX

Regolament imħassar flimkien mal-emendi suċċessivi tiegħu

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 633/2004 (ĠU L 100, 6.4.2004, p. 8)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1498/2004 (ĠU L 275, 25.8.2004, p. 8)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1713/2006 (ĠU L 321, 21.11.2006, p. 11)	L-Artikolu 15 biss
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 557/2010 (ĠU L 159, 25.6.2010, p. 13)	L-Artikolu 3 biss

▼B

ANNESS X

Tabella ta' korrelazzjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 633/2004	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2(1), (2) u (3)	Artikolu 2(1), (2) u (3)
Artikolu 2(4), il-kliem introduttorju	Artikolu 2(4)
Artikolu 2(4), l-ewwel sal-ħdax-il inċiż	Anness II
Artikolu 2(5)	Artikolu 2(5)
Artikolu 2(6), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 2(6), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 2(6), it-tieni subparagrafu, il-kliem introduttorju	Artikolu 2(6), it-tieni subparagrafu
Artikolu 2(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), l-ewwel sal-ħdax-il inċiż, u punt (b), l-ewwel sal-ħdax-il inċiż	Anness III
Artikolu 2(7), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 2(7), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 2(7), it-tieni subparagrafu, il-kliem introduttorju	Artikolu 2(7), it-tieni subparagrafu
Artikolu 2(7), it-tieni subparagrafu, punt (a), l-ewwel sal-ħdax-il inċiż, u punt (b), l-ewwel sal-ħdax-il inċiż	Anness IV
Artikolu 3(1) sa (4)	Artikolu 3(1) sa (4)
Artikolu 3(4a)	Artikolu 3(5)
Artikolu 3(5)	Artikolu 3(6)
Artikolu 3(6)	Artikolu 3(7)
Artikolu 3(7)	Artikolu 3(8)
Artikoli 4 u 5	Artikoli 4 u 5
Artikolu 6(1)	Artikolu 6(1)
Artikolu 6(2), il-kliem introduttorju	Artikolu 6(2)
Artikolu 6(2), l-ewwel sal-ħdax-il inċiż	Anness VI
Artikoli 7 u 8	Artikoli 7 u 8
L-Artikolu 8a	Artikolu 9
Artikolu 9	—
—	Artikolu 10
Artikolu 10	Artikolu 11
Anness I	Anness I
Anness Ia	Anness V
Anness III	Anness VII
Anness IV	Anness VIII
Anness V	—
Anness VI	—
—	Anness IX
—	Anness X